# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 108/18 JVC**

**Jason James Agius**

**v.**

**Avukat Generali**

1. Fit-30 ta' Ottubru 2018 l-attur ippreżenta kawża kostituzzjonali fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:-

> *"1. Tiddikjara illi, minhabba illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta senjatament il-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar Il-Kontroll Ta' Flus ma jipprovdux mekkanizmu jew proceduri fejn ir-rikorrent jista' jikkontesta l-konfiska tal-flus li allegatament ikunu ser jinhargu minn Malta in eccess ta' l-€10,000 imur kontra artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *"2.Tiddikjara illi, minhabba illi l-fatt illi l-ligi ta' Malta senjatament il-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar Il-Kontroll Ta' Flus jistabbilixxu piena tassattiva ta' multa ta' 25% ta' l-ammont li jkun*

*qed jinhareg minn Malta flimkien mal-konfiska ta' l-ammont in kwistjoni li jkun jeccedi l-€10,000 imur kontra artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex ma jharissx il- principju tal-proporzjonalita' tal-pieni;*

*"3.Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li i) jew tiddikjara illi m'ghandhiex tapplika l-konfiska kontemplata fl-artikolu 3(5) tal-legislazzjoni sussidjarja 233.07 u cioe Regolamenti Dwar il-Kontroll Ta' Flus, jew alternattivament ii) tiddikjara x'ghandha tkun s-sanzjoni tal-ligi f'dan il-kaz fid-dawl anke tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*"4.Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati, mehud in konsiderazzjoni illi is-somma ta' €26,355 ilha ikkonfiskata mis-7 ta' Settembru 2017"*;

2. B'sentenza tat-23 ta' Jannar 2020 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet:-

*"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l- ilment kostituzzjoni imqajjem mir-rikorrent billi filwaqt li tilqa' r- risposta tal-Avukat Generali ghal dik li hija l-ewwel talba attrici tichadha fil-bqija u tghaddi sabiex:*

*1. "Tichad l-ewwel talba kif dedotta stante li mhux gustifikata;*

*2. "Tilqa' t-tieni talba limitatament kif isegwi u tiddikjara illi dawk il-partijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 u cioe' Regolamenti Dwar il-Kontroll Ta' Flus (Artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal- 2007):*

*a) "fejn hija stabilita piena tassattiva ta' multa ta' 25% wkoll fuq l-ewwel somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) mill-ammont kollu li jkun qed jinhareg minn jew jiddahhal f'Malta,*

*b) "flimkien ma' dik il-parti tal-istess ligi li timponi l-konfiska tassattiva tal-ammont kollu li jkun jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000) oltre l-penali ta' 25% fuq l-istess ammont minghajr ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti ghal dik li hija konfiska tal- ammont shih, in parte jew xejn, huma bi ksur tad-drittijiet tar- rikorrent ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-raguni li ma jharsux il-principju tal-proporzjonalita' tal-pieni ghar-ragunijiet moghtija aktar il' fuq f'din id-decizjoni;*

*3. "Ai fini tat-tielet talba u stante li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghadhom pendenti din il-Qorti tiddeciedi kif isegwi:*

*(i) "Illi l-provvediment taht l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal- 2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) li jimponi multa ta' 25% fuq l-ammont inizjali ta' ghaxart elef Euro (€10,000) li hija s-somma kkunsidrata bhala legali huwa bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti u ghaldaqstant ma ghandu jkollu l-ebda applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;*

*(ii) "Illi l-fatt li l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi hi jekk ghandhiex timponi l-konfiska tal-ammont kollu mabqud in eccess tas-somma ta' ghaxart'elef Euro (€10,000) jew ta' parti minnu jew xejn, oltre l-penali ta' 25% fuq l-istess ammont in eccess huwa wkoll bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal- artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti.*

*"Filwaqt li tiddikjara li f'dan l-istadju ma tista' tiprovdi l-ebda rimedju ulterjuri.*

*4. "Ghar-ragunijiet suesposti tichad ir-raba' talba.*

*"Il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex f'kaz li din is-sentenza tghaddi in gudikat, jibghat kopja ta' din is- sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif jghid u jrid l- Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*"L-ispejjez kontra l-intimat".*

3. L-ewwel Qorti immotivat dik il-parti tas-sentenza li biha laqgħet it-tieni u tielet talba tal-attur u li huma rilevanti għal finijiet tal-appell, b'dan il-mod:-

*"Fil-kaz de quo ir-rikorrenti kien hiereg minn Malta b'ammont ta' sitta u tletin elf, tlett mija hamsa u hamsin ewro (€36,355) fi flus kontanti mhux iddikjarati. Fil-mument tal-qbid, il-Kummissarju tat-Taxxi precizament nhar is-7 ta' Settembru, 2017 irritorna is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lir-rikorrent stante li l-ligi tippermetti li sal-valur ta' ghaxart elef euro (€10,000) m'hemmx bzonn li jigu ddikjarati. Mill-atti ma jidhirx li dan il-fatt huwa kontestat minn xi parti fil-kawza.*

*"Il-ligi precizament l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 jitkellem dwar penali ta' 25% fuq l-ammont shih li jkun qieghed jingarr flimkien mal-konfiska tas-somma in eccess ta' ghaxart elef euro (€10,000). Prima facie jidher li tali ligi hija gustifikata fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li kemm il-konfiska kif ukoll il-penali huma eccezzjonijiet kontemplati fl-istess. Tqum izda l-kwistjoni dwar il-proporzjonalita' tal-piena u l-konfiska fil-kaz odjern fejn jirrizulta li prattikament ir-rikorrent jekk misjub hati ser jitlef il-flus kollha li kellu fuqu waqt l-att inkluz l-ghaxart elef Euro (€10,000) li legalment setghu jingarru mir-rikorrent. Dan rizultat izda tal-applikazzjoni tal-persentagg ta' 25% fuq is-somma kollha misjuba fuq ir-rikorrent u l-unika relazzjoni li ghandu dan l-persentagg mas-somma tal-ghaxart elef Euro (10,000) ritornata hija li parti mill-penali tikkonsisti f'25% tas- somma ta' €10,000 cioe' s-somma ta' €2,500. Fil-bqija l-penali hija mahduma fuq is-somma misjuba in eccess ta' €10,000 liema somma wkoll tinsab maqbuda u suggett ghall-konfiska mad- decizjoni ta' htija.*

*"Illi ghalhekk il-kwezit li trid tezamina din il-Qorti taht din it-tieni talba hu jekk effettivament hux proporzjonat li r-rikorrent jigi deprivat tista' tghid mis-somma kollha misjuba fuqu konsegwenza tal-applikazzjoni tal-ligi meta maghduda l-penali u l-konfiska flimkien. Mill-gurisprudenza tal-Qrati Ewropej kif ikkwotata aktar il-fuq m' hemmx dubju li dawn itendu a favur tar- rikorrent f'kazijiet bhal dawn fejn jidher li mhux qed jitqies li tali mizuri tant estremi huma proporzjonati mal-interess pubbliku kawtelat. Fil-kaz partikolari l-ligi in kwisjtoni filwaqt li hija ntiza li trazzan il-hasil ta' flus fl-interess pubbliku minn naha l-ohra l-att proprju ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-flus kontanti (li huwa l-att li biha hu akkuzat bih ir-rikorrent odjern) ma jistax jitqies li ghandu xi effett tant drastiku fuq l-interess pubbliku li jista' jiggustifika l-pieni tant estremi imposti. Il-kwezit ghalhekk huwa jekk ghandux jitqies proporzjonat, fl-ambitu tad- dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta' li r-reat odjern (kif mehud wahdu) ghandu jgorr mieghu il-konfiska tal-flus kollha in eccess tas-somma ta' €10,000 flimkien ma' penali fuq l-ammont kollu nkluz dik il-parti konsidrata bhala legali?*

*"Din il-Qorti wara li gharblet ferm id-decizjonijiet partikolarment dawk Ewropej dwar dan il-punt tqis is-segwenti:*

*1. "Illi l-applikazzjoni ta' multa ta' 25% fuq is-somma kkunsidrata bhala legali, tant li tinghata lura lill-persuna a tempo vergine, ma tistax titqies bhala wahda proporzjonata ('striking a fair balance') u certament fl-applikazzjoni taghha il-mizien ghandu jxaqleb lejn id-dritt ta' propjeta' tal-persuna kif sancit mill-artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mhux lejn l-interess pubbliku;*

*2. "Illi din il-Qorti tqis ukoll illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tal-Qorti Kriminali fil-kazijiet in kontestazzjoni li tevalwa hi ghandhiex jew le tordna l-konfiska tas-somma in eccess flimkien mal-imposizzjoni tal-multa ta' 25% fuq l-ammont maqbud in eccess (oltre l-ewwel ghaxart*

*elef li fuqha gia esprimiet ruhha din il-Qorti aktar il' fuq), u dan wara li tkun hi li semghet il-fatti u l-provi fl-atti, wkoll jikkonsisti fi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti tqis li almenu, sabiex il-principju tal-'striking a fair balance' u cioe` tal-proporzjonalita' jkun qed jigi rispettat, ghandu jinghata l-poter lill-istess Qorti kompetenti li tisma' l-kaz kriminali li hi stess tapplika l-principju ta' proporzjonalita skont il-kaz pendenti quddiemha. Il-fatt li fil-ligi lanqas tezisti l-possibilita' li l-Qorti tqis il-propozjonalita' tal-konfiska u l-piena (almenu ghal dik li hija konfiska) fil-kaz partikolari certament jilledi d-drittijiet tar- rikorrent kif isostni ai termini tat-tieni talba tieghu u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijet. Dan huwa aktar accenwat u gustifikat in vista tal-emendi recenti fl-istess ligi fejn ghal certu ammonti iddahhlet il-possibilita' ta' ftehim bejn l-awtorita' u l-individwu izda f'kazijiet aktar gravi l-akkuzat ma nghatax tali dritt. Il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni minn lat ta' drittijiet fundamentali ghal tali distinzjoni bejn individwu u iehor a bazi ta' ammont.*

*"It-tielet talba:*

*"Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-proceduri kriminali kontra r- rikorrenti ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kompetenti u qed jistennew id-decizjoni odjerna. Jirrizulta ghalhekk li l-konfiska tal- fondi kif ukoll l-applikazzjoni tal-multa skont il-ligi ghadha ma sehhietx.*

*"Fl-ambitu tat-tielet talba fejn qed jintalbu rimedju din il-Qorti tista' biss tiddeciedi kif isegwi:*

*(i) "Illi l-provvediment taht l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal- 2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) li jimponi multa ta' 25% fuq l-ammont inizjali ta' ghaxart elef Euro (€10,000), li hija s-somma kkunsidrata bhala skont il-ligi, huwa bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti u ghaldaqstant ma ghandu jkollu l-ebda applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;*

*(ii) "Illi l-fatt li l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 149 tal-2007 (Regolament dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jaghti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi hi jekk ghandhiex timponi l-konfiska tal-ammont kollu mabqud in eccess tas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) jew ta' parti minnu jew xejn, oltre l-multa ta' 25% fuq l-istess ammont in eccess huwa wkoll bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal- artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet suesposti.*

*"Ir-raba' talba:*

*"Illi dwar it-talba ghall-kumpens, in vista tal-fatt li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kompetenti, u ghalhekk ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali fil-konfront tar- rikorrent, din il-Qorti tqis li r-raba' talba f'dan l-istadju mhix gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess".*

4. B'rikors preżentat fit-12 ta' Frar 2020 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti. L-aggravji huma:-

*"1. Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabiet li l-multa u l-konfiska kif imposti mir-regolament 3 tal-L.S. 233.07 hija leżiva tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għaliex hija sproporzjonata. L-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li l-imposizzjoni ta' multa ta' 25% fuq l-ammont kollu li kien qed iġorr l-appellat flimkien mal-konfiska tassattiva tas-somma in eċċess l-10,000 euro hija eżagerata.*

*"2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarad r-rimedju li tat l-Ewwel Qorti fejn iddikjarat li l-artikolu 3 tal-LS 233.07 mhuwiex applikabbli għall-appellat"*.

5. Fis-17 ta' Ġunju 2020 l-appellat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

6. B'hekk dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha ċaħdet l-ewwel talba tal-appellat, hi llum ġudikat.

**<u>Fatti.</u>**

7. Il-fatti magħrufa huma ftit ħafna:-

i. Fis-7 ta' Settembru 2017 meta l-appellat kien qiegħed l-ajruport sabiex isiefer Dubai, saret tfittxija fuqu u nstab li kien qiegħed iġorr is-somma ta' sitta u tletin elf tlett mija u ħamsa u ħamsin euro (€36,355) li naqas milli jiddikjara;

ii. Il-post ta' destinazzjoni finali kien it-Tajlandja;

iii. Mis-somma li nstabet fuqu, ingħata lura s-somma ta' għaxart elef euro (€10,000);

iv. Fil-31 ta' Mejju 2018 il-pulizija interrogawh, u ma wieġeb għall-ebda domanda u lanqas ma ffirma l-istqarrija. Fl-ebda stadju ma ta spjegazzjoni dwar il-provenjenza tal-flus u x'kien ser jagħmel bihom.

v. Il-pulizija ħarrket lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u akkużatu li kien qiegħed iġorr fuqu s-somma ta' €36,355 filwaqt li kien ħiereġ minn Malta lejn Dubai fuq it-titjira EK110, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 149 tal-2007 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus);

vi. Sal-lum il-proċeduri kriminali għadhom pendenti jistennew l-eżitu` ta' din il-kawża.

vii. Mhemmx prova li saret xi tip ta' investigazzjoni mill-awtoritajiet sabiex tiġi determinata l-provenjenza tal-flus li kien qiegħed iġorr fuqu l-attur.

**Konsiderazzjoni.**

8. Fl-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali argumenta li:

> *"1) Il-liġi hija ġustifikata u neċessarja fid-dawl tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u reati oħra konnessi.*
>
> *"2) Il-piena imposta għandha l-għan li sservi ukoll bħala deterrent.*
>
> *"3) Il-piena hija proporzjonata iktar u iktar bl-emeni l-ġodda.*
>
> *"4) Il-konfiska tal-oġġetti tar-reat hija miżura rikonoxxuta mhux biss f'Malta iżda wkoll fl-Unjoni Ewropea.*
>
> *"5) Hija l-Unjoni Ewropea stess permezz tar-Regolamenti imsemmija preċedentement li timponi fuq il-pajjiżi Membri sabiex iżommu kontroll fuq flejjes li jinġarru barra.*
>
> *"6) Il-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji ma jistgħux b'xi mod jippremjaw min jikser il-liġi f'pajjiż li jħaddan ir-rule of law.*
>
> *"Illi għalhekk l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta waslet għal konklużjoni li kemm il-multa ta' 25% tal-ammont kif ukoll il-konfiska in eċċess l-10,000 euro jilledi l-jedd għat-tgawdija paċifika ta' proprjeta tal-appellata".*

9. Skont paragrafu 3(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, kull persuna ħierġa minn Malta u tkun qiegħda ġġorr €10,000 jew iktar fi flus, għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-obbligu ma jitwettaqx jekk il-persuna kkonċernata tonqos milli timla l-formola applikabbli, u li tidher fl-Iskeda, u tikkonsenja l-formola lill-

Kummissarju meta tkun ħierġa minn Malta. Formola li fiha l-persuna għandha tiddikjara *"L-oriġini u l-użu maħsub tal-flus kontanti/l-istrumenti monetarji"*.

10. Imbagħad paragrafu 3(4)(c) jipprovdi li jekk l-ammont mhux dikjarat hu €20,001 jew iktar, f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-persuna kkonċernata teħel multa ta' 25% tal-flus kontanti kollha li kienet qiegħda ġġorr u l-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju tat-Taxxi s-somma in eċċess ta' €10,000 jew l-ammont kollu fejn il-flus kontanti huma indiviżibbli;

> *"(ċ) jekk is-somma msemmija fis-subregolament (1) li tkun dikjarata falz jew li ma tkunx dikjarata tkun ta' valur ta' għoxrin elf u wieħed euro (€20,001) jew iktar, il-Kummissarju għandu jaqbad is-somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) jew l-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli u l-persuna teħel, meta tinstab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru, inkluż fuq is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transitu minn Malta, iżda f'kull każ dik il-multa m'għandhiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000), u kif ukoll il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Kummissarju l-ammont tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu għaxart elef euro (€10,000) jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli"*.

11. Għalhekk f'dan il-każ jekk l-attur jinstab ħati ser jeħel multa ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr, ċioe` €9088.75 u tiġi konfiskata s-somma ta' €26,355. Total ta' €35,443.75 li tista' tgħid li hu l-ammont kollu li kien qiegħed iġorr. Fil-fatt bejn il-multa u s-somma konfiskata, l-attur ser ikun tilef 97.5% tal-flus li kien qiegħed iġorr fuqu.

12. Il-multa u l-konfiska huma kontemplati f'liġi. Fis-sentenza **Gyrlyan v. Russia** (numru 35943/15) tad-9 ta' Ottubru 2018, il-QEDB qalet:-

> *"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Ismayilov, § 30, andPaulet, § 64,both cited above, and Grifhorst v. France, no. 28336/02, §§ 85-86, 26 February 2009).*
>
> *"22. By contrast with previous cases against Russia in which the Court identified defects in the legal framework governing the confiscation of foreign currency (see Baklanov v. Russia, no. 68443/01, § 46, 9 June 2005; Sun v. Russia, no. 31004/02, §§ 29-33, 5 February 2009; and Adzhigovich v. Russia, no. 23202/05, §§ 30-34, 8 October 2009), the sanction for non-compliance with the obligation to declare any amount of foreign currency exceeding USD 10,000 was established in Article 16.4 of the Code of Administrative Offences, which provided for either a fine or a confiscation order (see paragraph 15 above). The Court is therefore satisfied that the interference with the applicant's property rights was provided for by law, as required by Article 1 of Protocol No. 1".*

13. Mhemmx dubju li r-regolamenti huma intiżi sabiex jiġi evitat li ammonti sostanzjali ta' flus jintużaw għal *money laundering u reati oħra serji ta' natura finanzjarja*, traffikar ta' drogi, finanzjar ta' terroriżmu jew reati oħra, evażjoni ta' taxxa. Għalhekk il-miżura ta' konfiska tħares l-interessi ġenerali tal-komunita` wkoll kontra l-kriminalita`.

14. L-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu:

i. Regolament 3(4)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jimponi multa ta' 25% ukoll fuq l-ewwel €10,000 li l-persuna tkun qiegħda ġġorr fuqha. Konklużjoni li l-Qorti waslet għaliha wara li kkonsidrat li l-ħati jeħel ukoll multa fuq is-somma flus ta' €9,999 li jkun ħiereġ biha u li ma kienx ikollu għalfejn jiddikjara kieku ma kellux iktar flus fuqu (ara regolament 3(1) tal-Liġi Sussidjarja 233.07).

ii. Il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk fil-każ partikolari għandhiex tordna l-konfiska tal-flus li jkun qabad il-Kummissarju tat-Taxxi, li hu ta' iktar minn €10,000.

15. Il-Qorti ma fehmitx li l-ilment tal-attur kien dwar il-multa. Fil-fatt fir-rikors promotur ma lmentax li l-leġislazzjoni sussidjarja tipprovdi għall-multa ta' 25% fuq l-ewwel €10,000. L-ilment tal-attur għandu x'jaqsam mal-konfiska tas-somma flus in eċċess ta' €10,000 jekk jinstab ħati tal-akkuża. Dan jirriżulta wkoll min-nota ta' sottomissjonijet li ppreżenta fl-ewwel Qorti (ara l-parti tan-nota intestata *"Mertu – Piena sproporzjonata"*, fol. 31). Wara li għamel referenza għall-ġurisprudenza, argumenta:-

> *"Illi jrid jiġi puntwalizzat ukoll, li l-karattru ta' din il-piena skond il-liġi issa attakkat ma tagħti l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti, fis-sens li għandu jidher ċar mid-diċitura tal-istess liġi li l-konfiska hija tassattiva. Għalhekk ukoll, filwaqt li idejn il-Qorti jkunu marbutin, naturalment l-finalita' ta' dan in-nuqqas ta' diskrezzjoni jfisser li l-konfiska isseħħ bilfors"*.

16. Hekk ukoll fl-istess nota ta' sottomissjonijiet qal x'inhuma r-rimedji li jrid. Rimedji li kollha għandhom x'jaqsmu mal-konfiska tal-flus u mhux

mal-multa ta' 25%. Dawn jinkludu li ma jkunx hemm il-konfiska u jitħallas l-imgħax fuq is-somma li qabad il-Kummissarju u li hi soġġetta għall-konfiska f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ssibu ħati.

17. Madankollu u f'kull każ, l-impożizzjoni ta' multa taqa' taħt l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Mamidakis v. Greece** (numru 35533/04) tal-11 ta' Jannar 2007, il-QEDB qalet:-

> *"4. En l'occurrence, la Cour observe que l'amende litigieuse est une ingérence dans le droit garanti par le premier alinéa de l'article 1 du Protocole no 1, car elle prive le requérant d'un élément de propriété, à savoir de la somme qu'il doit payer ; cette ingérence se justifie conformément au second alinéa de cet article, qui prévoit expressément une exception pour ce qui est du paiement d'impôts, d'autres contributions ou d'amendes. Toutefois, cette disposition doit être interprétée à la lumière du principe général énoncé dans la première phrase du premier alinéa, et il doit donc exister un rapport de proportionnalité raisonnable entre les moyens employés et le but recherché (Phillips c. Royaume-Uni, no 41087/98, § 51, CEDH 2001-VII).*
>
> *"45. Par conséquent, l'obligation financière née du paiement d'une amende peut léser la garantie consacrée par cette disposition, si elle impose à la personne en cause une charge excessive ou porte fondamentalement atteinte à sa situation financière (voir Orion-Břeclav S.R.O. c. République tchèque (déc.), no 43783/98, 13 janvier 2004)".*[1]

[1] Traduzzjoni bl-Ingliż:-

*"4. In the instant case, the Court observes that the fine at issue is an interference with the right guaranteed by the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, since it deprives the applicant of an element of property, namely the sum he has to pay; that interference is justified in accordance with the second paragraph of that Article, which expressly provides for an exception in respect of the payment of taxes, other contributions or fines. However, this provision must be interpreted in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph, and there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued (Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, § 51, ECHR 2001-VII).*

*"45. Consequently, the financial obligation arising from the payment of a fine may adversely affect the guarantee enshrined in this provision* ***if it imposes an excessive burden on the person concerned or fundamentally prejudices his financial position*** *(see Orion-Břeclav S.R.O. v. the Czech Republic (dec.), no. 43783/98, 13 January 2004)".*

18. Il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa ta' 25% fuq l-ewwel €9,999. Hu minnu li persuna li toħroġ minn Malta m'għandhiex bżonn tagħmel dikjarazzjoni jekk qiegħda ġġorr fuqha somma flus sa €9,999, irrispettivament mill-oriġini tal-flus. Dak il-fatt waħdu ma jfissirx li mhijiex flokha l-impożizzjoni ta' multa fuq dik is-somma wkoll fejn persuna tinqabad ħierġa minn Malta jew dieħla f'Malta b'somma ta' €10,000 jew iktar. Fejn persuna tkun per eżempju ħierġa minn Malta b'somma ta' €10,000 jew iktar u jirriżulta per eżempju li l-oriġni tal-flus ma jkunx minn attivita` legali jew ikun hemm każ ta' evażjoni ta' taxxa, il-Qorti ma ssib xejn irregolari mill-fatt li l-liġi timponi multa ta' 25% ukoll fuq l-ewwel €9,999. Wieħed irid jiftakar li piena bħal dik isservi wkoll bħala deterrent. Kull każ għandu l-fattispeċjie tiegħu.

19. Rilevanti wkoll hu r-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1889/2005 tas-26 ta' Ottubru, *"on controls of cash entering or leaving the Community"*. Skont Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament:-

> *"1. Any natural person entering or leaving the Community and carrying cash of a value of EUR 10 000 or more shall declare that sum to the competent authorities of the Member State through which he is entering or leaving the Community in accordance with this Regulation. The obligation to declare shall not have been fulfilled if the information provided is incorrect or incomplete".*

20. Imbagħad f'Artikolu 9 jipprovdi:-

> *"1. Each Member State shall introduce penalties to apply in the event of failure to comply with the obligation to declare laid down in Article 3.* ***Such penalties shall be effective, proportionate and dissuasive****"*.

21. Fil-fehma tal-Qorti l-impożizzjoni waħedha ta' multa wkoll fuq is-somma ta' €9,999, ammont li l-attur seta' joħroġ minn Malta mingħajr ma jagħmel ebda dikjarazzjoni, ma jistax jingħad li mhuwiex proporzjonali meta tikkonsidra l-għan wara dak ir-Regolament. Fil-parti tal-bidu tar-regolament jingħad:

> *"(2) The introduction of the proceeds of illegal activities into the financial system and their investment after laun- dering are detrimental to sound and sustainable economic development......*
>
> *"(5) Accordingly, cash carried by any natural person entering or leaving the Community should be subject to the prin- ciple of obligatory declaration. This principle would enable the customs authorities to gather information on such cash movements and, where appropriate, transmit that information to other authorities.*
>
> *"(6) In view of its preventive purpose and deterrent char- acter, the obligation to declare should be fulfilled upon entering or leaving the Community. However, in order to focus the authorities' action on significant movements of cash, only those movements of EUR 10 000 or more should be subject to such an obligation. Also, it should be specified that the obligation to declare applies to the natural person carrying the cash, regardless of whether that person is the owner".*

22. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali.

23. Għal dak li jikkonċerna l-konfiska tal-flus ta' dak l-ammont li jkun in eċċess ta' €10,000, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni, fis-sentenza **Sadocha v. Ukraine** tal-11 ta' Lulju 2019, il-QEDB qalet:

> *"27. The remaining question for the Court to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden". **Moreover, although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity to put his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake** (see Boljević, cited above, § 41; Denisova and Moiseyeva v. Russia, no. 16903/03, §§ 58-59, 1 April 2010; and Rummi v. Estonia, no. 63362/09, § 104, 15 January 2015)".*

24. F'dan il-każ mhuwiex magħruf l-oriġini tal-flus li nstabu fuq l-appellant. L-attur ma xehedx u lanqas ressaq provi dokumentarji li juru l-provenjenza leġittima tal-flus.

25. F'dan il-każ il-Qorti ma tistax tgħid, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, li n-nuqqas tal-attur kien sempliċement nuqqas li jagħmel id-dikjarazzjoni li trid il-liġi. Hu veru li fil-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-attur hu akkużat biss li naqas milli jiddikjara l-flus li kien ser joħroġ minn Malta r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus (L.S. 233.07). Hu veru wkoll li mhemmx provi li l-oriġini tal-flus huma minn attivita` illegali jew li kien hemm evażjoni fiskali. Pero` min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali m'għamel ebda dikjarazzjoni li mhemmx kontestazzjoni li l-oriġini tal-flus

hu minn attivita` leċita. Dan apparti li s'issa l-appellat għadu ma ta l-ebda tagħrif dwar il-provenjenza tal-flus u x'kien ser isir minnhom.

26. Il-Qorti ma tistax tasal għal deċiżjoni dwar jekk l-attur huwiex jiġi mġiegħel iġorr piż sproporzjonat ġialadarba għadu ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar il-provenjenza tal-flus li kien ser joħroġ barra minn Malta. Dan irrispettivament mill-fatt li jidher li l-unika akkuża li saret kontra l-attur hi li m'għamilx id-dikjarazzjoni meħtieġa skont l-imsemmija regolamenti. Fil-fehma tal-Qorti hu biss fejn il-Qorti jkollha l-fatti kollha li tista' tasal għall-konklużjoni dwar il-każ partikolari. L-attur jaf minn fejn ġab il-flus u x'kien ser jagħmel bihom, u għandu jagħti prova sodisfaċenti li l-provenjenza hi minn attivita` legali. Fil-fehma tal-Qorti l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attur. Hu jaf minn fejn ġab il-flus.

27. Il-Qorti żżid li jista' jkun hemm każ fejn multa' ta' 25% tal-flus li l-persuna tkun qiegħda ġġorr flimkien mal-konfiska favur il-Kummissarju tat-Taxxa ta' kull somma li hi iktar minn €10,000, tkun ġustifikata. Pero` ovvjament kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Wieħed ma jistax jiġġeneralizza. Għalhekk jekk il-Qorti ma jkollhiex il-fatti kollha quddiemha mhux ser ikun possibbli li tasal għall-konklużjoni li l-persuna sofriet minn *"an individual and excessive burden"* (ara paragrafu 24 tas-sentenza ta' **Gyrlyan v. Russia**). Mingħajr ma jkollha l-fatti kollha quddiemha din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni tiddeċiedi xi ħsara

seta' jagħmel l-attur lill-awtoritajiet bil-fatt li ma ddikjarax li kien qiegħed iġorr fuqu s-somma ta' €36,355.

28. Madankollu l-ilment tal-attur jindirizza biss il-provvedimenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus fis-sens li fil-proċeduri kriminali f'każ ta' sejbien ta' ħtija, hu tassattiv fuq il-Qorti li tordna l-konfiska tal-flus in eċċess ta' €10,000.

29. In-nuqqas li l-Qorti ssib fir-regolament hu iktar difett proċedurali. Mhemmx dubju li f'każ li l-appellat jinstab ħati tal-akkuża, ser twassal għal konfiska tal-parti l-kbira tal-flus, u f'dik l-eventwalita` l-attur jitlef il-proprjeta` tal-flus konfiskati (ara paragrafu 49 tas-sentenza **Yasar v. Romania** (numru 64863/13) tas-26 ta' Novembru 2019, il-QEDB li kienet titratta dwar konfiska ta' bastiment). F'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

> *"60. As regards the striking of a fair balance between the means employed by the domestic authorities for the purpose of preventing criminal activities relating to illegal fishing in the Black Sea and the protection of the applicant's property rights, the Court reiterates that such a balance depends on many factors, and **the behaviour of the owner of the property is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account** (see AGOSI, cited above, § 54). **The Court must consider whether the applicable procedures in the present case were such as to enable reasonable account to be taken of the degree of fault or care attributable to the applicant or, at least, of the relationship between his conduct and the breach of the law which occurred; and also whether the procedures in question afforded him a reasonable opportunity to put his case to the relevant authorities** (ibid., § 55). In ascertaining whether these conditions were satisfied, a comprehensive view must be taken of the applicable procedures (see B.K.M. Lojistik Tasimacilik Ticaret Limited Sirketi, cited above, 43)".*

30. Kif qalet l-ewwel Qorti, m'hemmx mezz kif l-attur jikkontesta l-konfiska ta' iktar minn €10,000. Il-liġi ma tikkontemplax għas-sitwazzjoni fejn il-provenjenza tal-flus tkun waħda leġittima. Kulħadd qiegħed fl-istess keffa, irrispettivament jekk il-provenjenza tal-flus kinitx minn attivita` legali jew illegali. Meta tiġi għall-konfiska, il-Qorti li tiddeċiedi m'għandhiex diskrezzjoni. Is-sejbien ta' ħtija, ċioe` li persuna ma tkunx għamlet id-dikjarazzjoni permezz tal-formola li hemm fl-iskeda, twassal sabiex il-Qorti jkollha tordna l-konfiska tal-flus in eċċess ta' €10,000. Dan irrispettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan m'għandux ikun u jwassal biex ma jkunx hemm il-bilanċ (*proportionality*) li jridu l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. *Proportionality* li kif rajna r-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1889/2005 stess jeżiġi, f'Artikolu 9.

31. Kif inhi l-liġi, jista' jagħti l-każ li l-ordni li l-flus jiġu konfiskati tispiċċa tkun ukoll ta' natura punittiva. Hekk per eżempju fejn ma jkunx hemm lok li l-Gvern jiġi kkumpensat għal xi telf, bħal per eżempju f'taxxa fuq il-qligħ li ma tkunx tħallset. Dan meta diġa` hemm il-multa li hi ta' natura punittiva, f'persentaġġ ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr. Akkużat jaf jispiċċa b'multa ta' 25% u konfiska li fir-realta' tkun punittiva wkoll.

32. Minn qari tar-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja oġġett tal-kawża hu altru milli evidenti li fid-deċiżjoni li tagħti l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma jsirx eżerċizzju sabiex jiġi

determinat dak li fil-każ **Gyrlyan v. Russia** (35943/15) il-QEDB irreferiet għalih bħala *"an assessment of proportionality"*;

> *"30. **The Court is not convinced by the Government's argument that an assessment of proportionality was incorporated in the domestic decisions**. It does not appear that the above considerations relating to the lawful origin of the money, the unintentional nature of the applicant's conduct or the absence of indications of any other customs offences, played any role in their decision-making. The sentencing court merely referred to the "nature and dangerousness of the offence" and "information on the [applicant's] character" **but did not ask whether or not the confiscation order was in the public interest or whether the requisite balance was maintained in a manner consonant with the applicant's right to the peaceful enjoyment of his possessions. Accordingly, the Court finds that the scope of the review carried out by the domestic courts was too narrow to satisfy the requirement of seeking the "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1** (see Paulet, cited above, § 68).*
>
> *"31. Moreover, contrary to the Government's claim that the court had opted for the most lenient penalty, Article 16.4 **does not appear to leave the sentencing court any discretion in the matter by imposing a choice between a fine equivalent to at least the undeclared amount or confiscation of the undeclared cash.** In either case, it was the entire undeclared amount that was forfeited to the State. In the Court's view, such a rigid system is incapable of ensuring the requisite fair balance between the requirements of the general interest and the protection of an individual's right to property (see Grifhorst, cited above, § 103 in fine, and also Vasilevski v. the former Republic of Macedonia, no. 22653/08, § 57, 28 April 2016, and Andonoski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 16225/08, § 38, 17 September 2015, in which the domestic legislation prevented the courts from considering the relationship between the applicant's conduct and the offence)".*

33. L-istess skont il-liġi Maltija, il-Qorti f'każ ta' sejbien ta' ħtija jkollha tikkundanna lill-ħati għal multa ta' 25% tal-flus li kien qiegħed iġorr (sa massimu ta' €50,000) u tordna l-konfiska ta' kwalsiasi somma li teċċedi s-somma ta' €10,000.

34. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju hu miċħud għal dak li jirrigwarda l-konfiska tal-flus kontemplata f'regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07. Min-naħa l-oħra ser tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali in kwantu għandu x'jaqsam mal-multa li l-liġi timponi wkoll fuq l-ewwel €9,999 li l-persuna tinqabad iġorr.

35. Fit-tieni aggravju l-Avukat Ġenerali lmenta li bid-deċiżjoni li tat l-ewwel Qorti:

> *".... qiegħda tgħid li l-appellat m'għandu jeħel xejn la multa u lanqas il-konfiska f'każ ta' sejbien ta' ħtija.....*
>
> *"F'dan il-każ huwa evidenti li l-ewwel Qorti naqset pależament milli tapprezza li dan ir-reat iġorr miegħu konsegwenza u li għalhekk persuna li tinqabad tikser il-liġi għandha teħel xi forma ta' piena. Huwa inkonċepibbli kif l-Ewwel Qorti waslet għar-rimedju li l-artikolu 3 tal-L.S. 233.07 m'għandu l-ebda applikazzjoni fil-konfront tal-appellat. Għalkemm dina l-Onorabbli Qorti tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madankollu r-rimedju li ingħata mhux ġustifikat fiċ-ċirkostanzi".*

36. L-appellat qal li mhuwiex jifhem id-deċiżjoni kif qiegħed jifhimha l-Avukat Ġenerali, u qal li l-ewwel Qorti:

> *".... donnha ħalliet f'idejn il-Qorti kompetenti tevalwa hi liema miż-żewġ miżuri għandhom jiġu imposti fuq l-appellat f'każ ta' sejbien ta' ħtija.*
>
> *"Illi pero' lanqas għandu mir-raġun l-appellat li wara sejbien ta' vjolazzjoni l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna li ma jingħatax effett lil dak l-istess provvediment li kien għadu kemm ġie dikjarat leżiv. Dan ikun kontro-sens u totalment inutli".*

37. Din il-Qorti hi tal-fehma li mill-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti hu ċar li l-ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hu minħabba li Artikolu 3 tar-

Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus (L.S. 233.07) ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti dwar għandux ikun hemm konfiska ta' flus in eċċess ta' €10,000 u fl-affermattiv kemm. Tant hu hekk li f'dik il-parti tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet, *"**f'dan l-istadju** ma tista' tipprovdi l-ebda rimedju ulterjuri"* u saħansitra ċaħdet ir-raba' talba. Talba li biha l-attur talab lill-ewwel Qorti sabiex tiffissa kumpens, *"... meħud in konsiderazzjoni illi s-somma ta' €26,355 ilha ikkonfiskata mis-7 ta' Settembru 2017"*. Hu għalhekk ċar li, kuntrarjament għal dak li qiegħed jifhem l-Avukat Ġenerali, l-ewwel Qorti ma ddeċiditx li taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha tintilef is-somma in eċċess ta' €10,000.

38. Skont l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni:

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u **l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett**"*.

39. Dispożizzjoni simili tinsab fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Artikolu 3(2) tal-Kap. 319).

40. F'dan il-każ hi bla effett **<u>biss</u>** dik il-parti tar-regolament 3(4)(ċ) li ma tippermettix lill-Qorti li teżerċita diskrezzjoni dwar għandux ikun hemm konfiska tal-flus in eċċess ta' €10,000 u fl-affermattiv l-ammont li għandu jkun konfiskat.

41. Fl-aħħarnett il-Qorti tosserva kif riċentement (7 ta' Lulju, 2020) ġie introdott l-Avviż Legali 285 tal-2020, *Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus*. Skond regolament 7:

> *"Ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus huma b'dan imħassra mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom"*.

42. Illum il-ġurnata l-konfiska tal-flus mhijiex tassattiva. F'dan ir-rigward issir referenza għar-regolament 3(10) li jipprovdi li għandu jkun hemm fond li jkun magħruf bħala d-Depożitarju li jkun amministrat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Skond l-istess sub-regolament, id-Depożitarju *"..... għandu jirċievi **biss** flus miżmuma skont dawn ir-regolamenti"*.

43. L-istess regolamenti jipprovdu għall-proċedura sabiex jiġi determinat jekk il-flus li jitpoġġew fid-Depożitarju għandhomx ikunu rilaxxati lill-persuna. Hu biss wara li l-awtoritajiet kompetenti[2] jiddeterminaw jekk twettaqx reat kriminali, qiegħed jitwettaq jew ser jitwettaq permezz tal-flus taħt xi liġi, li tittieħed deċiżjoni. Madankollu l-proċedura kontemplata fl-Avviż Legali 285 tal-2020 mhijiex il-meritu ta' din il-kawża u għalhekk din il-Qorti mgħandhiex bżonn tagħmel konsiderazzjonijiet dwarha.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:-

---

[2] Tfisser, *"il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, il-Pulizija, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, il-Kummissarju, is-Servizz tas-Sigurta` ta' Malta u l-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta"*.

1. Sa fejn kompatibbli ma’ dak li ngħad hawn fuq tilqa’ l-ewwel aggravju in kwantu jirreferi għal multa ta’ 25% fuq l-ewwel somma ta’ disat elef disa’ mija u disgħa u disgħin euro (€9,999), u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tħassar paragrafi 2(a) u 3(a) tal-parti dispożittiva tas-sentenza;

2. Tiċħad l-ewwel u tieni aggravju in kwantu jirreferu għall-konfiska tas-somma li teċċedi għaxart elef euro (€10,000) f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija kif stipulat f’regolament 3(4)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, Regolament dwar il-Kontroll ta’ Flus kif kienet qabel daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 285 tal-2020.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 15% a karigu tal-appellat u 85% a karigu tal-appellant.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja ta’ din is-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu 242 tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm